DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI
IL-FURJANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES
FLORIANA VLT 2000
MALTA

*Id-Direttur Ġenerali* *The Director General*

Ref. tagħna:
Ref. tiegħek:

14 ta' Frar, 2014

Għeżież Ġenituri,

L-Iskola Nazzjonali tal-Isport ser tilqa' applikazzjonijiet minn studenti li mis-sena skolastika li jmiss jixtiequ jkomplu l-istudji akkademiċi tagħhom kif ukoll jitħarrġu f'xi dixxiplina sportiva li jeċċellaw fiha.

Din l-iskola se tilqa' fi ħdanha numru żgħir ta' studenti bniet u subien minn Malta u Għawdex li twieldu fl-**2001**, li jkunu temmew b'suċċess it-tieni sena tagħhom fl-iskola sekondarja u li huma meqjusa b'talent u promettenti ħafna fil-qasam tal-isport tagħhom mill-kowċis rispettivi tagħhom fi ħdan l-Assoċjazzjoni Sport Nazzjonali. Dawn l-istudenti huma eliġibbli biex japplikaw għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport biex dawk il-ftit magħżula jingħaqdu mal-grupp ta' studenti li fil-preżent jinsabu fit-tieni sena tas-sekondarja fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

Ser issir laqgħa għall-ġenituri interessati fejn ser tingħata informazzjoni dettaljata dwar il-proċess tal-għażla u r-rekwiżiti għad-dħul fl-Isport Nazzjonali tal-Isport nhar:

**Data:** **Il-Ħamis 27 ta' Frar 2014**
**Post:** **Kulleġġ Santa Klara, Skola Primarja -Pembroke**
**Ħin:** **6:00 ta' filgħaxija**

**L-applikazzjonijiet ser jiftħu nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2014 u jibqgħu jintlaqgħu sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' Marzu 2014** . L-applikazzjonijiet jistgħu jinġabru u jintlaqgħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex.

L-applikazzjonijiet u noti għall-applikanti jistgħu jkunu aċċessibbli fuq il-websajt *www.education.gov.mt* jew il-websajt uffiċjali tal-iskola http://nss.skola.edu.mt/.

**George Borg**
**Direttur Ġenerali**
**Direttorat għal Servizzi Edukattivi**